**Mario Grech**

**Isqof ta' Għawdex**

# ITTRA MIFTUĦA
# LILL-INSARA U L-MUSULMANI
# FL-OKKAŻJONI TAS-SENA MARJANA

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar wieħed sar jilmaħ l-għadd kbir ta' barranin li qed jgħixu u jaħdmu fostna. Inkunu tassew boloh jekk lil dawn it-talin inqisuhom bħala xi theddida jew sempliċi riżorsa ekonomika. Hija ħasra li fostna hawn min huwa ttentat iħares lejhom bħala xi kategorija inferjuri u għalhekk jiddisprezzahom anke b'atti vjolenti u japprofitta mill-vulnerabbilità tagħhom – bħal min qed jisfruttahom billi jħaddimhom bi ftit flus u mingħajr ma joffrilhom is-sigurtà soċjali kif titlob il-liġi, jew bħal min joffrilhom fejn idaħħlu rashom b'rati ta' kera għolja iktar min-normal.

Din il-preżenza ma toffrix biss sfidi soċjali u kulturali imma wkoll għandha l-aspett reliġjuż tagħha. Infatti, fost dawn in-nies għandna preżenza mdaqqsa ta' Musulmani, kemm dawk ġejjin minn pajjiżi Afrikani kif ukoll dawk ġejjin mill-Ewropa tal-Lvant.

Fil-kuntest tad-djalogu interreliġjuż, inħoss li f'dan il-mument tal-istorja, ikkaratterizzat bil-fenomenu tal-immigrazzjoni, ma jistax ikun li lill-Knisja tagħna l-Ispirtu ta' Alla mhu qed jgħid xejn! L-istess djalogu bejn ir-reliġjonijiet jgħin biex tinkiseb ċerta armonija soċjali. Meta wieħed iqis in-nuqqas ta' għarfien korrett u l-preġudizzji li hawn dwar x'inhu l-Iżlam, filwaqt li ma niċħdu xejn mill-identità Nisranija, għandna bżonn infittxu d-djalogu mad-dinja Musulmana.

Għaddew tmien mitt sena minn meta f'Ġunju tal-1219, waqt li kienet għaddejja l-Ħames Kruċjata – u allura f'kuntest ta' attakki vjolenti reċiproċi, – San Franġisk ta' Assisi telaq lejn l-Art Imqaddsa bil-għan li jiltaqa' mad-dinja Musulmana rrappreżentata mis-Sultan tal-Eġittu Malek al-Kamel. Dik il-laqgħa, li seħħet fil-port ta' Damjetta, kellha effetti pożittivi. Ħalliet effett fuq il-mistika u l-lingwaġġ Franġiskan, tant li d-disgħa u disgħin attribwit li l-Musulmani jagħtu lil Alla ispiraw it-tifħir li Franġisku jagħti lil Alla l-Għoli. Dakinhar, l-Insara u l-Musulmani ltaqgħu bil-ħsieb li "jikkonvertu" lil xulxin għar-reliġjon tagħhom, imma r-rizultat kien li Franġisku u s-Sultan baqgħu milquta bil-qawwa tal-fidi ta' xulxin! Ħielsa minn kull preġudizzju, huma għarfu lil xulxin mhux biss bħala ħlejjaq ta' Alla imma bħala bnedmin ta' fidi. It-tnejn kienu bnedmin spiritwali u intelligenti, imma fil-laqgħat ta' bejniethom ipprevala l-lingwaġġ tal-Ispirtu[1]. Frott dan id-djalogu li seħħ fi spirtu profond ta' rispett reċiproku, il-patrijiet Franġiskani għadhom sal-lum attivi fl-Art Imqaddsa.

Ftit tax-xhur ilu f'Abu Dhabi, fl-Emirati Għarab Magħquda, seħħet laqgħa simili bejn il-Papa Franġisku u Ahmad Al-Tayyeb, l-Imam il-Kbir ta' Al-Azhar (wieħed miċ-ċentri l-iktar awtorevoli tal-Iżlam) u dawn iffirmaw flimkien dikjarazzjoni dwar "il-fratellanza umana għall-paċi u l-konvivenza komuni". Huma jistqarru li "il-fidi twassal lil min jemmen biex jara lill-persuna l-oħra bħala ħuh jew oħtu li għandu jwieżen u jħobb. Bil-fidi f'Alla, li ħalaq l-univers, il-kreaturi u l-bnedmin kollha (li huma lkoll indaqs minħabba l-Ħniena Tiegħu), min

[1] LUCA MARCOLIVIO, "I datteri di Maria – la Vergine figura centrale nel dialogo Islamico-Cristiano e non solo," in *Osservatore Romano* (21 maggio 2019).

jemmen hu msejjaħ biex jesprimi dil-fratellanza umana billi jindokra l-maħluq u l-univers kollu u jwieżen lil kull persuna, speċjalment lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn u foqra". Jistqarru wkoll li "[din id-dikjarazzjoni] hija kitba li saret bi ħsieb serju u onest biex tkun dokument komuni ta' xewqat tajba u ħierġa mill-qalb. Huwa dokument li jistieden lill-bnedmin kollha li jemmnu f'Alla u jemmnu fil-fratellanza umana biex jingħaqdu u jaħdmu flimkien ħalli dan ikun gwida għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni biex iġibu 'l quddiem kultura ta' rispett reċiproku, konxji mill-grazzja divina kbira li tagħmel lill-bnedmin kollha aħwa." Dawn is-siltiet huma biżżejjed biex jindikawlna x'benefiċċji hemm jekk nissieħbu f'dan id-djalogu, mhux tant bejn l-"istituzzjonijiet" reliġjużi imma bejnietna li nemmnu. Għalhekk, dan għandu jkun mhux djalogu bejn il-Kristjaneżmu u l-Iżlam, imma bejnietna, l-Insara u l-Musulmani, li naħbtu minkeb ma' minkeb fit-toroq, fil-ħwienet, fuq ix-xogħol, fl-iskola, fl-isptar u f'tant postijiet oħra tal-ħajja.

Billi f'din is-Sena Marjana li qegħdin niċċelebraw, ir-Ramadan tal-Musulmani (mis-6 ta' Mejju sal-4 ta' Ġunju) ħabat eżatt max-xahar ta' Mejju – xahar li għalina huwa ddedikat lil Marija, – nixtieq nipproponi din ir-riflessjoni dwar Marija fl-Iżlam peress li Marija, Omm Ġesù, tista' tkun mezz tajjeb ħafna għad-djalogu bejna l-Insara u l-Musulmani li lkoll nemmnu f'Alla wieħed. Marija hija t-triq li tista' twassalna biex ninfetħu għal xulxin u nifhmu aktar lil xulxin. Jekk l-atteġġjament fid-djalogu huwa wieħed ta' smigħ attent u mhux ta' gudizzju jew ta' kundanna, Marija hija l-mudell tal-bniedem li jisma'!

Huwa fatt ukoll li, f'rabta mar-Ramadan, il-Musulmani għandhom rakkont kurjuż dwar Marija, liema rakkont jinsab ukoll fit-tradizzjoni Nisranija. Infatti, fil-Koran insibu li meta Ġesù twieled taħt palma, l-anġlu qal lil Marija biex iċċaqlaq il-palma u tiekol it-tamal li jaqa'. Skont it-tradizzjoni Iżlamika, it-tamal jiftaħ biss matul ir-Ramadan. Din l-istorja ħelwa tinsab ukoll b'xi differenzi żgħar fil-vanġelu apokrifu ta' Mattew.

Il-Marjoloġija li hemm fil-Koran tant hija interessanti li hemm min iżomm li, f'ċerti aspetti, dan il-Ktieb huwa l-unika riżorsa apokrifa tat-tradizzjonijiet Insara li llum intilfu. Infatti, għalkemm qatt ma jagħraf lil Marija bħala "Omm Alla" għax ma jammettix id-divinità ta' Kristu, il-Koran fih tagħrif dwarha aktar minn dak kollu li nsibu fl-erba' Vanġeli kanoniċi flimkien[2]. Marija hija l-unika mara li fil-Koran tissemma b'isimha – *Maryam*. Hija magħrufa bħala persuna li tgħid is-sewwa, li temmen u li hi qaddisa. Għaliha biss il-Koran jgħid li hija "magħżula minn Alla" u li Alla ppreferieha min-nisa kollha tal-art. Hija kienet ikkonsagrata sa minn ħdan ommha qabel ma twieldet (III, 35). Il-Profeta Muħammed stess jgħid li, filwaqt li kull tarbija li titwieled "tintmess" mix-xitan, Marija u binha Ġesù huma l-eċċezzjoni. Il-Koran jgħid li Marija hija "l-iktar safja" għax kien Alla nnifsu li għamilha nadifa. Fl-Iżlam, il-verġinità ta' Marija hija kundizzjoni importanti biex setgħet tkun dik il-mara li permezz tagħha Alla ta sinjal speċjali lill-bnedmin. Hija din il-purezza tal-verġinità li għamlitha possibbli għal Marija li tilqa' l-Ispirtu ta' Alla (III, 42). F'żewġ passaġġi fil-Koran insibu li dakinhar tat-tħabbira tal-Anġlu, Marija staqsiet kif kien ser ikollha tifel jekk ma kellhiex raġel. Għalhekk il-Koran isejjaħ lil Ġesù bħala "iben Marija". Issa fid-dinja Għarbija ħadd ma jissejjaħ "iben mara" imma dejjem "iben ir-raġel". Għalhekk, peress li Marija nisslet lil Ġesù mingħajr is-sehem tar-raġel, huwa qatt ma jissejjaħ "iben Ġużeppi". Tagħrif bijografiku dwar Marija li nsibu fil-Koran huwa: it-twelid tagħha (III, 33-37); iż-żjara tagħha bħala tifla fit-Tempju (III, 37); hija xempju tal-mara li temmen (LXVI, 12); il-verġinità (IV, 156-7); it-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel (III, 42-48); Omm Ġesù (XIX, 16-21); il-qaddisa (V, 75); il-mara mogħtija għat-talb interjuri biex tqiegħed lilha nnifisha taħt il-ħarsa ta' Alla (III, 43).

[2] Ara B. PIRONE, *La tradizione dei testi evangelici nell'ambiente formattivo di Muhammad*, 2000.

Barra l-Koran, hemm ukoll dak li huwa magħruf bħala l-*Hadith*, li fih damma ta' tagħlim orali tal-Profeta. Fatt kurjuż li nsibu f'din il-kollezzjoni huwa li kull meta t-tfajjel Ġesù kien jagħmel xi miraklu, dejjem kien iwettqu bil-medjazzjoni ta' ommu Marija, tant li diversi intellettwali Iżlamiċi jgħidu li Marija rċeviet il-privileġġ tal-profeżija li normalment kien riservat għall-irġiel.

Imbagħad l-Musulmani għandhom il-ktieb magħruf bħala "il-Vanġelu Għarbi tat-tfulija ta' Ġesù", li jinkludi ġabra ta' tradizzjonijiet mil-Lvant Nisrani. Hawnhekk ukoll Marija hija ppreżentata bħala medjatriċi u kollaboratriċi attiva fil-mirakli li kien jagħmel it-tfajjel Ġesù, bħal fil-każ tal-"miraklu tal-faxxa" li biha jfieq tfajjel li kellu fih xitan jew meta l-Madonna fejqet tfajjel marid bl-ilma li ħadet mill-banju fejn kienet taħsel lil Ġesù.

Il-qima lejn Marija hija mifruxa sew fost il-Misilmin. Huwa normali li fl-Eġittu (ġewwa Matariya), fit-Turkija (ġewwa Efesu), fil-Ġordanja, fil-Libanu u fis-Sirja, il-Musulmani jagħmlu pellegrinaġġi lejn santwarji ddedikati lill-Madonna u jingħaqdu mal-Insara fil-qima tagħhom lil Marija. Fil-katidral Ortodoss ta' Sednaya, fis-Sirja, hemm xbieha ta' Marija li jingħad li hija mpittra minn San Luqa, u n-nisa Musulmani jemmnu li jekk jgħaddu lejl fit-talb quddiem din ix-xbieha, huma jaqilgħu d-don tal-maternità. Minħabba din id-devozzjoni, din il-belt hija l-aktar belt li tirċievi pellegrini wara Ġerusalemm. Il-valur ta' dawn il-pellegrinaġġi jidher mill-fatt li għal ħafna Musulmani l-uniku pellegrinaġġ li għandu jsir huwa dak lejn Mekka – il-pellegrinaġġi l-oħra huma speċi ta' idolatrija! Minkejja dan, hemm dawn il-pellegrinaġġi kollha lejn is-santwarji Marjani! Ix-xbieha ta' Marija kienet għal qalb l-Għarab żmien qabel il-wasla tal-Iżlam. Jingħad li meta l-Musulmani ħadu l-belt ta' Mekka, fis-santwarju li mbagħad sar magħruf bħala l-Kaaba, sabu diversi xbihat, fosthom dik ta' Marija bil-Bambin f'idejha. Il-Profeta ordna li jinqerdu x-xbihat kollha ħlief dik ta' Marija, u jingħad li pproteġieha b'idejh stess biex ma tinqeridx!

Dan kollu huwa konferma li Marija hija patrimonju komuni għalina l-Insara u l-Musulmani, u għaldaqstant id-devozzjoni Marjana tgħin biex ikun hemm sintonija spiritwali bejnietna[3]. Jekk inħallu barra l-fanatiżmu reliġjuż, li minnu fl-istorja hemm fiż-żewġ tradizzjonijiet reliġjużi, il-Musulman, bħal kull bniedem li jemmen, għandu qalbu miftuħa għal dak li huwa soprannaturali u spiritwali. Għalhekk, id-djalogu jgħin biex bejnietna jkun hawn aktar sens ta' rispett, tolleranza u ħbiberija. Ħa tkun din is-Sena Marjana opportunità ta' grazzja biex, filwaqt li ngħinu lil sħabna l-Musulmani jikkuraw il-ħajja spiritwali tagħhom – partikularment l-għożża tagħhom lejn Marija, – inkomplu nibnu bejnietna relazzjonijiet sinifikattivi. Il-fatt li aħna l-Kattoliċi nħaddnu ċerti veritajiet dwar Marija li mhumiex fit-twemmin Musulman, ma għandux igerrixna milli nibnu l-pontijiet bejnietna. Kif jgħallem San Tumas ta' Akwinu, il-fidi tagħna ma għandhiex bħala mira aħħarija l-formuli imma l-istess realtà: fil-każ tagħna, il-persuna ta' Marija. Huwa għalhekk li l-pjetà popolari Marjana, Kattolika u Iżlamika, tista' tkun għodda providenzjali biex kollna tama noħolmu flimkien ġejjieni sabiħ.

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat, Għawdex, illum, 31 ta' Mejju 2019, festa taż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija.

**✠ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

---

[3] Ara Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *The Virgin Mary in the Intellectual and Spiritual Formation* (25.03.88), para 14.